Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1986/2003

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Angela Madkour**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm586.00c (hames mija u sitta u tmenin lira Maltin) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' Lm550.00c (hames mija u hamsin lira Maltin) bhala prezz ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta u in kwantu ghas-somma ta' Lm36.00c (sitta u tletin lira Maltin) bhala mghaxijiet legali dovuti mill-konvenuta fuq l-istess sad-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-talba.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-talba sad-data ta' l-effettiv

pagament kontra l-konvenuta li giet igunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------